



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10196/22

ENT 82
MI 473
IND 230
TRANS 387
ENV 611
DELECT 87

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 3610 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 8.6.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jittqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi għar-Regolamenti dwar il-Vetturi adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2022) 3610 final.

Mehmuż: C(2022) 3610 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2022
C(2022) 3610 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.6.2022

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex
jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi għar-
Regolamenti dwar il-Vetturi adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-
Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jqis l-aħħar żviluppi tekniċi u regolatorji fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE). F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-lista tar-Regolamenti tan-NU msemija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tinsab fl-Anness I ta' dak ir-Regolament tiġi aġġornata billi tinkludi referenzi għal Regolamenti ġodda tan-NU u rispettivament għal serje ġdida ta' emendi għar-Regolamenti tan-NU eżistenti.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144, li fih il-lista ta' rekwiżiti msemija fl-Artikolu 4(5) u fl-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament, jiġi kkomplementat b'referenzi għall-atti regolatorji, adottati skont dak ir-Regolament wara l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu. B'mod partikolari, hija meħtieġa referenza għall-atti regolatorji fir-rigward tal-ibbrejtkjar ta' emerġenza avanzat għall-persuni bil-mixi u għaċ-ċiklisti, it-twissija ta' kolliżjoni ma' persuni bil-mixi u ċiklisti, is-sistema ta' informazzjoni dwar punti moħbija, l-assistenza ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata, id-detezzjoni tal-irriversjar, is-sinjali ta' waqfien ta' emerġenza, u r-reġistratur tad-*data* tal-avvenimenti.

Għalhekk, l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati f'konformità mal-Annessi ta' dan ir-Regolament.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-tħejjija ta' dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni xierqa mal-esperti tal-Istati Membri fit-18 ta' Novembru 2021 u fl-4 ta' Mejju 2022, fejn l-abbozz ġie appoġġat b'mod wiesa'.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi ġuridika ta' dan l-att delegat hija l-Artikolu 4(3) u (6) tar-Regolament (UE) 2019/2144.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.6.2022

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex
jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi għar-
Regolamenti dwar il-Vetturi adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-
Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jelenka, *inter alia*, ir-Regolament tan-NU Nru 14², ir-Regolament tan-NU Nru 17³, ir-Regolament tan-NU Nru 29⁴, ir-Regolament tan-NU Nru 44⁵, ir-Regolament tan-NU Nru 45⁶, ir-Regolament tan-NU

¹ ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1.

² Ir-Regolament tan-NU Nru 14 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi tal-ankraġġi ISOFIX, ankraġġi ISOFIX tal-irbit ta' fuq u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size [2015/1406] (ĠU L 218, 19.8.2015, p. 27).

³ Ir-Regolament Nru 17 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-sits, l-ankraġġi tagħhom u kull trażżin tar-ras (ĠU L 230, 31.8.2010, p. 81).

⁴ Ir-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali (ĠU L 304, 20.11.2010, p. 21).

⁵ Ir-Regolament Nru 44 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-apparat tat-trażżin għat-tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("Sistemi tat-Trażżin għat-Tfal") (ĠU L 233, 9.9.2011, p. 95).

⁶ Ir-Regolament tan-NU Nru 45 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tagħmir li jnaddaf il-fanal ta' quddiem, u ta' vetturi bil-magna fir-rigward tat-tagħmir li jnaddaf il-fanal ta' quddiem [2020/575] (ĠU L 136, 29.4.2020, p. 1).

Nru 48⁷, ir-Regolament tan-NU Nru 80⁸, ir-Regolament tan-NU Nru 94⁹, ir-Regolament tan-NU Nru 95¹⁰, ir-Regolament tan-NU Nru 118¹¹, ir-Regolament tan-NU Nru 122¹², ir-Regolament tan-NU Nru 126¹³, ir-Regolament tan-NU Nru 127¹⁴, ir-Regolament tan-NU Nru 135¹⁵, ir-Regolament tan-NU Nru 137¹⁶, ir-Regolament tan-NU Nru 141¹⁷ u r-Regolament tan-NU Nru 142¹⁸. Dawk ir-Regolamenti kollha ġew emendati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (“WP.29 tan-NU/KEE”). Għaldaqstant jixraq li l-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 tiġi aġġornata biex tirrifletti dawk l-emendi.

- (2) Id-WP.29 tan-NU/KEE adotta wkoll diversi Regolamenti ġodda, li l-Unjoni aderixxiet magħhom u applikathom fuq bażi obbligatorja. B’mod partikolari, dawk huma ir-Regolament tan-NU Nru 145¹⁹, ir-Regolament tan-NU Nru 148²⁰, ir-Regolament tan-

⁷ Ir-Regolament Nru 48 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta’ dwal u tagħmir ta’ sinjalar bid-dawl (ĠU L 323, 6.12.2011, p. 46).

⁸ Ir-Regolament Nru 80 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta’ sedili ta’ vetturi kbar għall-passiġġieri u ta’ dawn il-vetturi fir-rigward tas-saħħa tas-sedili u l-ankraġġi tagħhom (ĠU L 164, 30.6.2010, p. 18).

⁹ Ir-Regolament Nru 94 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta’ ħabta frontali (ĠU L 254, 20.9.2012, p. 77).

¹⁰ Ir-Regolament Nru 95 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta’ kollizzjoni laterali [2015/1093] (ĠU L 183, 10.7.2015, p. 91).

¹¹ Ir-Regolament Nru 118 tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet tekniċi uniformi dwar il-mod kif jinħarqu ċerti materjali użati fil-konstruzzjoni fuq ġewwa ta’ ċerti kategoriji ta’ vetturi awtomotivi (ĠU L 177, 10.7.2010, p. 263).

¹² Ir-Regolament Nru 122 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi rigward l-approvazzjoni ta’ vetturi tal-kategorija M, N, u O fir-rigward tas-sistemi tat-tisħin tagħhom (ĠU L 164, 30.6.2010, p. 231).

¹³ Ir-Regolament tan-NU Nru 126 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ sistemi diviżorji għall-protezzjoni tal-passiġġieri kontra bagalji maqlugħa minn posthom, forniti bħala tagħmir mhux oriġinali tal-vettura [2020/176] (ĠU L 35, 7.2.2020, p. 37).

¹⁴ Ir-Regolament tan-NU Nru 127 — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom għall-persuni bil-mixi [2020/638] (ĠU L 154, 15.5.2020, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament Nru 135 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom f’każ ta’ Impatt fil-Ġenb ma’ Arblu (PSI) [2020/486] (ĠU L 103, 3.4.2020, p. 12).

¹⁶ Ir-Regolament Nru 137 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri fil-każ ta’ ħabta frontali b’enfasi fuq is-sistema ta’ trażżin [2020/576] (ĠU L 136, 29.4.2020, p. 18).

¹⁷ Ir-Regolament Nru 141 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward tas-Sistemi ta’ Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS) [2018/1593] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 36).

¹⁸ Ir-Regolament Nru 142 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi bil-mutur fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers tagħhom [2020/242] (ĠU L 48, 21.2.2020, p. 60).

¹⁹ Ir-Regolament tan-NU Nru 145 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward ta’ sistemi ta’ ankraġġi ISOFIX, ankraġġi tal-irbit ta’ fuq ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size [2019/2142] (ĠU L 324, 13.12.2019, p. 47).

²⁰ Ir-Regolament tan-NU Nru 148 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta’ apparati għas-sinjalar bid-dawl (lampi) għal vetturi motorizzati u t-trejlers tagħhom [2021/1719] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 123).

NU Nru 149²¹, ir-Regolament tan-NU Nru 150²², ir-Regolament tan-NU Nru 151²³, ir-Regolament tan-NU Nru 152²⁴, ir-Regolament tan-NU Nru 153²⁵, ir-Regolament tan-NU Nru 155²⁶, ir-Regolament tan-NU Nru 157²⁷, ir-Regolament tan-NU Nru 158²⁸, ir-Regolament tan-NU Nru 159²⁹, ir-Regolament tan-NU Nru 161³⁰, ir-Regolament tan-NU Nru 162³¹ u r-Regolament tan-NU Nru 163³². Għaldaqstant jixraq li fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jiġu inklużi r-referenzi għal dawk ir-Regolamenti.

- (3) Ir-Regolament tan-NU Nru 0 dwar l-Approvazzjoni Internazzjonali tat-Tip ta' Vettura Shiha³³ ġie adottat sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE u biex jiġi pprovdut livell ogħla ta' ċertezza għall-manifatturi tal-vetturi li jkunu qed ifittxu rikonossiment tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom f'dawk il-Partijiet Kontraenti. L-Unjoni hija Parti Kontraenti li tapplika r-Regolament tan-NU Nru 0. Sabiex tiġi kkunsidrata Approvazzjoni Internazzjonali Universali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE, jenħtieġ li jitqiesu l-verżjonijiet tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144.
- (4) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144 fih il-lista ta' rekwiżiti li magħhom jenħtieġ li jikkonformaw il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati skont l-Artikoli 4(5) u 5(3) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, dak l-Anness ma fihx referenzi għall-atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi dettaljati fir-

²¹ Ir-Regolament Nru 149 tan-NU – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' apparati għat-tidwil tat-triq (lampi) u ta' sistemi għal vetturi bil-magna [2021/1720] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 173).

²² Ir-Regolament tan-NU Nru 150 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati u ta' mmarrar retroriflettivi għall-vetturi bil-magna u għat-trejlers tagħhom [2021/1721] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 297).

²³ Ir-Regolament tan-NU Nru 151 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Punti Moħbija għad-Detezzjoni tar-Roti [2020/1596] (ĠU L 360, 30.10.2020, p. 48).

²⁴ Ir-Regolament Nru 152 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema Avanzata għal Ibbrejkjar f'Emerġenza (AEBS) għall-vetturi M1 u N1 [2020/1597] (ĠU L 360, 30.10.2020, p. 66).

²⁵ Ir-Regolament Nru 153 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-integrità tas-sistema tal-fjuwil u tas-sikurezza tas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika fil-każ ta' kollizzjoni fuq wara [2021/386] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament Nru 155 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà [2021/387] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30).

²⁷ Ir-Regolament tan-NU Nru 157 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistema ta' Żamma Awtomatizzata tal-Karreġġata [2021/389] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 75).

²⁸ Ir-Regolament Nru 158 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati għall-moviment tar-rivers u vetturi bil-mutur fir-rigward tal-għarfien tas-sewwieq dwar utenti vulnerabbli tat-triq wara l-vetturi [2021/828] (ĠU L 184, 25.5.2021, p. 20).

²⁹ Ir-Regolament Nru 159 tan-NU - dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni waqt it-Tluq tal-Vettura għad-Detezzjoni ta' Persuni bil-Mixi u ta' Ċiklisti [2021/829] (ĠU L 184, 25.5.2021, p. 62).

³⁰ Ir-Regolament tan-NU Nru 161 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-vetturi bil-mutur mill-użu mhux awtorizzat u l-approvazzjoni tal-apparat kontra l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar) [2021/2274] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 1).

³¹ Ir-Regolament tan-NU Nru 162 — Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar l-approvazzjoni tal-immobilizzaturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tal-immobilizzatur tagħha [2021/2275] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 23).

³² Ir-Regolament tan-NU Nru 163 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistema ta' allarm tal-vetturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' allarm tal-vetturi tagħha [2021/2276] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 48).

³³ Ir-Regolament Nru 0 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa (IWVTA) [2018/780] (ĠU L 135, 31.5.2018, p. 1).

rigward ta' sistemi avvanzati għal ibbrejkjar ta' emerġenza bid-detezzjoni tal-persuni bil-mixi u taċ-ċiklisti, sistemi ta' twissija ta' kollizzjoni ma' persuni bil-mixi u ċiklisti, sistemi ta' informazzjoni dwar punti moħbija, sistemi ta' assistenza ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata, detezzjoni tal-irrivversjar, sinjal ta' waqfien ta' emerġenza u reġistraturi tad-*data* tal-avvenimenti. Għalhekk f'dak l-Anness jeħtieġ li jiżdiedu referenzi għall-atti regolatorji rispettivi.

- (5) Il-konformità mar-Regolament tan-NU Nru 90³⁴ hija obligatorja għall-assemblaġġi tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni, il-firrodi tal-brejkijiet tat-tnabar, id-diski u t-tnabar għall-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom. Jenħtieġ li l-assemblaġġi tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni, il-firrodi tal-brejkijiet tat-tnabar, id-diski u t-tnabar ġodda għal tipi eżistenti ta' vetturi b'approvazzjoni tat-tip ta' vettura mogħtija fir-rigward tal-ibbrejkjar f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13³⁵ jew mar-Regolament tan-NU Nru 13-H³⁶ qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144, jitħallew jitqiegħdu fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz f'konformità mal-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (6) Mill-1 ta' Settembru 2023, ir-Regolament tan-NU Nru 129³⁷ se jissostitwixxi r-Regolament tan-NU Nru 44, u b'hekk se jwaqqaf il-possibbiltà li s-sistemi ta' trażżin għat-tfal li mhumiex mibnija fil-vetturi bil-mutur jiġu approvati għat-tip skont dak ir-Regolament. Huwa meħtieġ żmien addizzjonali biex il-produzzjoni fl-istokk u fil-kanali tad-distribuzzjoni tkun tista' tinbiegħ. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistemi ta' trażżin għat-tfal approvati f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 44 qabel l-1 ta' Settembru 2023, jitħallew jitqiegħdu fis-suq u jiddaħħlu fis-servizz sal-1 ta' Settembru 2024.
- (7) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tan-NU Nru 13-H relatati mas-sistemi ta' assistenza fl-ibbrejkjar u s-sistemi ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà ġew ittrasferiti għar-Regolament tan-NU Nru 139³⁸ u għar-Regolament tan-NU Nru 140³⁹, filwaqt li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-ibbrejkjar ġew ittrasferiti għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 13-H. Minħabba li r-rekwiżiti għas-sistemi ta' assistenza fl-ibbrejkjar u s-sistemi ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà baqgħu l-istess, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 13-H, u l-estensjonijiet tagħhom, jitqiesu ekwivalenti għal

³⁴ Ir-Regolament Nru 90 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tagħmir tal-kisjiet tat-tibdil tal-brejkijiet u l-kisjiet tal-brejkijiet tanbur għall-vetturi awtomottivi u t-trejlers tagħhom (ĠU L 130, 28.5.2010, p. 19).

³⁵ Ir-Regolament Nru 13 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar [2016/194] (ĠU L 42, 18.2.2016, p. 1).

³⁶ Ir-Regolament Nru 13-H tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar [2015/2364] (ĠU L 335, 22.12.2015, p. 1).

³⁷ Ir-Regolament Nru 129 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' Sistemi tat-Trażżin tat-Tfal imtejba użati abbord vetturi bil-mutur (ECRS) (ĠU L 97, 29.3.2014, p. 21).

³⁸ Ir-Regolament Nru 139 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistemi ta' Assistenza fl-Ibbrekjar (BAS) [2018/1591] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 1).

³⁹ Ir-Regolament Nru 140 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistemi ta' Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà (ESC) [2018/1592] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 17).

approvazzjoni tat-tip mogħtija lill-verżjonijiet oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 139 u tar-Regolament tan-NU Nru 140.

- (8) Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-ankraġġi tat-trażżin għat-tfal ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 07 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 14 għar-Regolament tan-NU Nru 145. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 14 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 145.
- (9) Ir-rekwiżiti fir-rigward tas-sikurezza tas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika f'kollizzjoni fuq wara ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 34 għar-Regolament tan-NU Nru 153. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 34 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 153.
- (10) Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 64⁴⁰ għar-Regolament tan-NU Nru 141. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 64 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 141.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/2144 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/2144

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.6.2022

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁴⁰ Ir-Regolament Nru 64 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: stepni għal użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat, u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18).